MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 359/2010

**Alan Desira (ID 254270M) f'ismu proprju u f'isem id-ditta 'D Generators Rentals'**

**vs**

**Vincent Grech f'ismu proprju u f'isem is-socjeta Grech's Limited (C-1863)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Gunju 2010, fejn intalab li l-konvenut pro et noe jigi ikkundannat jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf u tmienja u disghin ewro (€1,098.00) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha inluzi dawk ta ittra ufficjali u bl-imghaxijiet.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut pro et noe gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza

fit-terminu preskritt mil-ligi, u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.
Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut pro et noe naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut pro et noe jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' elf u tmienja u disghin ewro (€1,098.00) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut pro et noe.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------